**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Inferjuri**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 15 ta' Novembru, 2016**

**Avviz Numru:- 4/2014JVC**

**Carmel Mifsud**

**Vs**

**Paul Portelli**

Il-Qorti,

Rat l-avviz fejn l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat :-

Ihallas lill-attur l-ammont bilancjali dovut mill-konvenut fl-ammont ta' sebat elef tliet mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€7,364.69) bilanc ta' xoghlijiet ta' kostruzzjoni li saru a beneficcju tal-konvenut bl-imghax legali ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-ittra ufficcjali spedita lill-konvenut f'Gunju 2013 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra nterpellatorja ta' Settembru 2012 kif ukoll tal-ittra ufficjali ta' Gunju 2013 kollha kontra l-konvenut li jibqa' minn issa stess imharrek ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' Paul Portelli li eccepixxa:

Illi t-talbiet attrici huma assolutament infondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

Illi x-xoghol imwettaq mill-attur ma sarx skont l-arti u s-sengha u qieghed jipperikola l-inkolumita' kemm tal-esponenti u tal-familja tieghu personalment imma b'mod partikolari l-inkolumita' tal-baqar li huwa jrabbi fis-sit fejn sar ix-xoghol mill-attur u ghaldaqstant ma huwa

dovut l-ebda kumpens lill-attur qabel ma huwa jirrimedja ghad-difetti gravi li jezistu fix-xoghol imwettaq minnu.

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-attur ghandu jipprovdi rendikont iddettaljat ta' kif wasal ghall-figuri li qed jitlob, stante li effettivament kien l-esponenti li hallas ghall-materja prima kollha uzata fuq il-lant tax-xoghol, u kulma ghamel l-attur kien li pprovda l-mano d'opera tieghu. L-esponenti qieghed minn issa jirrizerva li jikkontesta dan l-ammont jekk jirrizulta li l-ammont mitlub huwa wiehed esagerat.

Salvi risposti ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li eccepixxa:

Peress li x-xoghlijiet kollha li wettaq l-attur fuq ir-razzett li jinsab fi Triq l-Inzul tal-Francizi fl-inhawi tar-Ramla fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex ma sarux skont l-arti u s-sengha bir-rizultat li hafna mix-xoghol li sar irid jinhatt u jerga' jsir mill-gdid;

U peress li ghalkemm interpellat ripetutament sabiex jirrimedja ghal dawn in-nuqqasijiet fix-xoghol tieghu, l-attur baqa' inadempjenti;

Talbu lil din l-Onorabbli Qorti u prevja okkorrendo n-nomina ta' perit nominand:

1. Tiddikjara li l-attur naqas milli jwettaq ix-xoghol tieghu fuq ir-razzett tal-konvenut li jinsab fi Triq l-Inzul tal-Francizi fl-inhawi tar-Ramla fil-limiti tan-Nadur Ghawdex skont l-arti u s-sengha;

2. Konsegwentement tikkundanna lill-attur sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss, u taht id-direzzjoni tal-perit nominand, twettaq dawk ix-xoghlijiet kollha li huma mehtiega sabiex jigu rrangati dawk id-difetti;

3. Tawtorizza lill-konvenuti sabiex, fin-nuqqas tal-attur li jottempra ruhu f'dak iz-zmien, iwettqu x-xoghlijet kollha necessarji huma stess a spejjez tieghu, u taht id-direzzjoni tal-perit nominand;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tan-nota responsiva fl-atti tal-Ittra Ufficjali Nru. 33/2012; u dawk tal-ittra ufficjali pprezentata kontra tal-attur f'Lulju 2013.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni, li ghaliha minn issa huwa ngunt.

U bir-rizerva ta' kull azzjoni ghad-danni li eventwalment jistghu jigu sofferti mill-konvenut per konsegwenza tax-xoghol diffetuz esegwit mill-attur.

Rat ir-risposta tal-attur rikonvenut Carmel Mifsud ghall-kontro-talba li eccepixxa:

1. Illi l-ewwel talba tal-konvenut Pawlu Portelli hija totalment infondata fid-dritt u fil-fatt u ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess Portelli in kwantu ix-xoghlijiet li wettaq l-esponenti saru kollha skont l-arti u s-sengha.

2. Illi fi kwalsiasi kaz jirrizulta illi x-xoghol li minnu qed jilmenta l-istess Portelli ma twettaqx minn Carmel Mifsud izda jew minn terzi jew minn Portelli stess;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-istess Portelli.

Rat illi fil-verbal tas-6 ta' Mejju, 2014 fuq talba tal-konvenut Paul Portelli gie nominat il-Perit Valerio Schembri:
*'sabiex jaccedi fuq il-post u jaghmel il-konstatazzjoni tieghu dwar dak mitlub. Il-perit tekniku mhuwiex awtorizzat jisma' xhieda u ghall-access ghandu jiffissa seduta bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet.'*

Rat illi fil-verbal tal-14 ta' Gunju, 2016 il-partijiet qablu li l-provi migbura fil-kawza bin-numru 10/2013 fl-istess ismijiet li qed tigi deciza wkoll illum stess kellhom ukoll iservu bhala provi f'dawn l-atti;

Rat ix-xhieda, dokumenti, affidavits u provi kollha fl-atti;

Rat ix-xhieda, dokumenti, affidavits u provi kollha fl-atti tal-kawza numru 10/2013;

Rat illi fl-istess verbal tal-14 ta' Gunju 2016 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' li l-partijiet jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub;

Rat is-sottomissjonijiet esebiti fl-atti.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi bhala fatti jirrizulta li l-konvenut lura fis-sena 2010 kellu l-hsieb li jestendi r-razzett tal-baqar tieghu u kellu l-mira li japplika ghall-fondi tal-Unjoni Ewropea sabiex jaghmel hekk. Il-partijiet ftehmu bejniehtom li l-attur ibiegh lill-konvenut bicca art li l-konvenut kellu bzonnha sabiex jikkwalifika ghall-fondi tal-Unjoni Ewropea. Il-hlas dovut fuq il-fethim ta' bejniethom dwar dan it-trasferiment huwa l-mertu tal-kawza numru 10/2013. Fl-istess zminijiet jirrizulta li l-konvenut qabbad lill-attur Carmel Mifsud sabiex jaghmillu xoghol ta' bini ta' xi facilitajiet fir-razzett in kwistjoni. Jirrizulta li l-konvenut naqas milli jhallas is-somma ta' sebat elef tliet mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€7,364.69) lill-attur li da parti tieghu fetah din il-kawza sabiex jithallas ghal dak dovut lilu mill-konvenut. Il-konvenut Portelli jammetti fl-atti li huwa ma hallasx dan l-ammont lill-attur izda jsostni li dan ma ghamlux ghaliex skont hu x-xoghlijiet li ghamel l-attur flimkien ma' uliedu ma kienx skont is-sengha u l-arti u rrizulta difettuz tant li qed jikkostitwixxi periklu ghall-konvenut u l-istess baqar li jaghmlu uzu mir-razzett in kwistjoni. Ghalhekk il-konvenut ikkontesta t-talba u pprezenta l-kontro-talba tieghu sabiex jigi dikjarat li x-xoghljiet li ghamel l-attur ma sarux skont is-sengha u l-arti u jigi kundannat jirrimedja l-istess.

Illi l-attur Carmel Mifsud jelenka x-xoghol maghmul minnu u jaghti rendikont ta' dak li ghadu dovut lilu mill-konvenut fl-affidavit tieghu a fol. 11 et seq u tramite d-dokumenti esebiti a fol. 13 et seq tal-process. Fil-qosor huwa jsostni li huwa gia thallas zewg somom ta' €3,964.80 u €233.40 mill-konvenut filwaqt li jonqsu jithallas is-somma ta' €7,364.69. L-attur ipprezenta l-ircevuti tal-hlasijiet li gia rcieva mill-konvenut (fol. 13 sa 15). A fol. 16 tinsab esebit *invoice* li tindika li dak dovut kien ghal:

1. garr ta' bricks;

2. hi-up;
3. bobcat;
4. crane;
5. Labour.

Fl-ammont totali ta' €2437.60.

A fol. 17 tinsab esebita 'invoice' relatata mal-kejl tax-xoghol li ghamel l-attur:

1. Bini tal-Gibjun, bricks 9" xoghol biss ghas-somma ta' €4021.53;
2. Bini tal-Kanal, bricks 9" xoghol biss ghas-somma ta' €2460.69;
3. Gabel ghal rasu bic-catt ghas-somma ta' €815.48;
4. Hlas tal-kejl €40.

Total inkluz taxxa ghas-somma ta' €8658.49.

It-total ta' dawn iz-zewg 'invoices' jammonta ghal €11,096.09. Skont l-affidavit tal-attur izda l-ammont li ghadu dovut huwa dak ta' €7,364.69 u l-Qorti ma sabet l-ebda spjegazzjoni ghad-differenza rizultanti ta' €3,731.40 u cioe' dwar kif u meta thallset lill-attur mill-konvenut.

Da parti tieghu l-konvenut anki fix-xhieda tieghu jammetti li huwa ma hallasx lill-attur (ara fol. 67 u 68 tal-process 10/2013) izda jsostni li huwa dan m'ghamlux minhabba li sab illi l-planki fuq il-gibjun mibni mill-attur tpoggew b'mod difettuz u li ghalhekk jiccaqalqu. Ghal dan il-ghan il-konvenut talab li din il-Qorti tqabbad espert tekniku sabiex jirrelata dwar l-ilment tieghu. Din il-Qorti nnominat lill-abbli Perit Valerio Schembri li rrelata kif isegwi:

***'NOMINA TAL-PERIT TEKNIKU***

*Bid-digriet taghha tas-06 ta' Mejju 2014 din l-Onorabbli Qorti ghogobha tilqa' t-talba tal-konvenut sabiex provizorjament u minghajr pregudizzju ghall-kwestjoni ta' responsabbilita' o meno ta' l-attur ghax-xoghol in kwistjoni jigi nkarigat perit tekniku sabiex jaccedi fuq il-post u jezamina l-planki u cioe' l-mod kif dawn tpoggew u l-bazi taghhom, jara jekk dawn tqeghdux skont l-arti u*

*s-sengha u jirrelata dwar jekk hux necessarju li dawn il-planki jinqalghu u jitqeghdu mill-gdid.*

*In oltre fl-istess digriet taghha din l-Onorabbli Qorti ghogobha tinnomina lill-esponent bhala Perit Tekniku sabiex jaccedi fuq il-post u jaghmel il-konstatazzjonijiet tieghu dwar dak mitlub mill-konvenut. L-esponent ma giex awtorizzat jisma' xhieda u kellhu jiffissa l-access bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet.*

***PROVI***

*1. Illi nadampiment ma' l-inkarigu lilu moghti nhar is- 16 ta' Mejju 2014 l-esponent zamm access fuq il-post. L-esponent jannetti DOK VS 01 bhala verbal ta' dan l-access.*

*2. Illi in adampiment mill-inkarigu lilu moghti l-esponent ippropona li jinzamm access nhar is-27 ta' Novembru 2014 liema access gie kkancellat a kawza tal-maltemp li kien hakem il-gzejjer Maltin fil-jiem ta' qabel. L-esponent jannetti Dok VS 02 bhala l-verbal ta' dan l-access.*

*3. Illi nadampiment ma' l-inkarigu lilu moghti nhar it-03 ta' Dicembru 2014 l-esponent zamm access fuq il-post. L-esponent jannetti DOK VS 03 bhala verbal ta' dan l-access.*

***KONKLUZJONIJIET***

*Mill-fatti kollha li gew a konjizzjoni ta' l-esponent u mill-konstatazzjonijiet li saru fuq il-post jidher illi:*

*01 Illi mill-accessi relattivi li nzammu in situ mill-esponent fil-prezenza tal-partijiet debitament assistiti rrizultaw fl-umli opinjoni tal-esponent d-difetti segwenti li qed jigu elenkati fis-suespost flimkien mar-ragunijiet teknici fl-ezekuzzjoni tax-xoghol ghaliex issustixxew l-istess difetti:*

*i. **Caqliq esagerat tal-precast floor drain units** liema difett jirrizulta min-nuqqas ta' levelling pad jew ahjar suletta llivellata b'mod propizju. In-nuqqas ta' tali levelling pad gie stabbilit waqt l-access li nzamm nhar it-03 ta'*

*Dicembru 2014 meta addirittura nqalghet wahda mill-precast floor drain units. Waqt l-istess access gie stabbilit illi dawn il-precast floor drain units gew impoggija direttament fuq il-hitan tal-hollow concrete blocks mimlija bil-konkos li hemm fuq il-genb tal-kanal principali minfejn jghaddi l-effluent slurry naxxenti mill-baqar li jitrabbew fir-razzett in kwistjoni. Fuq l-istess hitan ma hemmx levelling pad u b'hekk jidher illi qed jissustixxi l-istess difett ta' caqliq li jinhass anke bil-piz ta' bniedem miexi fuq il-precast floor drain units in kwistjoni. Isegwi illi c-caqliq ikun effettivament aktar u aktar accentwat jekk mhux ukoll perikolanti gialadarba tghaddi minn fuq il-paviment bhima ta' certu piz bhalma hija baqra. Issir referenza wkoll ghall-fatt li stante li l-bhima ghandha erba' saqajn aktarx jirrizultaw istanzi fejn uhud mis-saqajn ma jkunux qed jaghmlu piz fuq l-istess unit u zgur li caqliq differenti fil-paviment ta' taht saqajn il-bhima ma jaghmilx gid ghal sahhet il-bhima.*

*ii. In oltre a kawza tal-fatt li ma hemmx levelling pads adegwatament illivellati fuq iz-zewg nahat tal-kanal li fuqhom qed jistriehu l-units hemm postijiet fejn addirittura hemm **dizlivell bejn precast floor drain unit** u iehor. Tali dizlivell qed jirrizulta fi xfarijiet perikolanti ghall-bhejjem li jghaddu minn fuq il-paviment in kwistjoni bil-possibilita' ta' incidenti li fihom jistghu anke jwegghu serjament il-baqar li jitrabbew fir-razzett in kwistjoni.*

*iii. Jirrizulta car u manifest illi hemm difett ukoll fl-**alignment tal-precast floor drain units** in kwistjoni b'tali mod li t-toqob fl-istess units ma humiex jaqblu b'mod u f'tolerance accettabbli, kif addirittura huwa l-iskop li ghalih jigi ddisinjat paviment bhal dak mertu tal-kawza.*

*iv A kawza ta' l-istess difett elenkat fil-parti (iii) supra qed jirrizutla li hemm kazi fejn jezistu addirittura **spazji relattivament kbar bejn precast floor drain unit** u iehor, liema spazji ovvjament huma perikolanti stante li hemm possibilita' serja ta' incidenti fejn il-bhejjem jaqbdu xi sieq jew ohra gewwa l-istess spazji.*

*Mis-suespost jirrizulta car u manifest **illi l-paviment mertu tal-kawza konsistenti minn precast floor drain units ma tpoggiex skont l-arti u s-sengha u l-livellar tal-bazi tieghu huwa wkoll difettuz.***

*02 Hija l-umli opinjoni ta' l-esponent illi stante li d-difetti riskontrati in situ huma rizultat kemm ghan-nuqqas ta' levelling pad adegwatament illivellata sabiex fuqha jitqeghdu l-precast floor drain unit in kwistjoni, kif ukoll problema serja ta' alignment ta' l-istess units ma hemmx triq ohra ghajr illi l-istess **paviment jinqala kollhu** u jsiru s-segwenti xoghlijiet:*

*i. Wara li jinqalghu minn posthom il-precast floor drain units ghandu jigi stabblit "best fit line" provizorju li fuqu ghandha tigi stabblita l-alignment il-gdida tal-precast floor drain units.*

*ii. Gialadarba stabbilita tali linja provizorja wiehed irid jistudja jkunx hemm il-bzonn jinqalghu l-bedding mattresses ta' naha jew ohra jew addirittura taz-zewg nahat.*

*iii. In segwitu ghal dan ghandha ssir levelling pad propizja skrupolozament illivellata. Wiehed ghandu wkoll jaghti attenzjoni serja ghat-tip ta' konkos li jintuza fl-istess suletta stante li dan ser ikun suggett ghall-kuntatt ma effluent slurry naxxenti mill-bhejjem li jitrabbew fir-razzett in kwistjoni. Ghandu jigi stabbilit ukoll ma' min issupplixxa l-istess precast floor drain units x'ghandha tkun il-konsistenza tat-tahlita tat-tajn jekk se mai hekk jirrikjedu l-ispecifications tat-tqeghid tal-floor drain units in kwistjoni. Tali ezercizzju ghandu jsir sabiex anke jekk ikun hemm difett minimu kemm hemm minimu fit-tolerance tal-unit innifisha dan ma jirrizluta qatt f'caqliq tal-paviment meta minn fuqu jghaddu l-bhejjem li jitrabbew fir-razzett in kwistjoni.*

*iv. Wara li ssir il-levelling pad ghandha tigi stabbilita mill-gdid il-linja proprja ta' l-alignment u jigi emendat appropozitament il-wicc tal-genb tal-konkos tas-sottoswol ghall-bedding mattresses.*

*v. Gialadarba stabbiliti l-alignments u l-levelling pad tkun kif suppost ghandha tkun skont l-arti u s-sengha, ghandhom jitqieghu l-precast floor drain units skont sistema approvata mill-fornitur taghhom. Finalment jergghu jitqieghdu f'posthom il-bedding mattresses li fuqhom jorqdu l-baqar li jitrabbew fir-razzett mertu tal-kawza.'* (fol. 50 et seq)

Illi jirrizulta li l-konkluzjonijiet tal-Perit tekniku ma gew ikkontestati mill-ebda parti fil-kawza. Dan izda mhux neccessarjament ifisser li l-eccezzjonijiet u l-kontro-talba tal-konvenut huma gjustifikati. Dan ghaliex l-attur mhux qed isostni li mhux minnu li l-planki ma tpoggewx sew u li ma saritx suletta skont is-sengha u l-arti izda l-eccezzjoni tieghu hija li hu ma kienx il-persuna nkarigata minn dak ix-xoghol u li dan ix-xoghol sar minn terzi b'mod partikolari minn Joseph Portelli li kien imqabbad mill-istess konvenut filwaqt li x-xoghol li huwa qed ifittex li jithallas ghalih mhux dak ix-xoghol izda xoghol iehor kif deskritt fl-invoices tieghu a fol. 16 et seq.

Illi da parti tieghu l-konvenut fix-xhieda tieghu fl-atti jinsisti li huwa qabbad lil Carmelo Mifsud sabiex jaghmel ix-xoghol kollu nkluz iwitti l-konkos fil-qiegh tal-gandott, bini ta' bricks, xoghol ta' mili tal-bricks u li ssir is-suletta sabiex jitpoggew il-planki. Jinsisti li filghodu x'hin kien imur ir-razzett kien jara lill-attur u lil uliedu jimlew il-bricks bis-siment izda fil-bqija jghid li ma jaf xejn ghaliex ma kienx ikun hemm. Diversi drabi jirrispondi li ma jaf xejn ghaliex ma kienx ikun hemm. Izda l-Qorti tinnota li x-xhieda u l-insistenza tal-konvenut li x-xoghol hazin deskritt fir-rapport tal-Perit tekniku sar mill-attur u mhux mill-haddiem tieghu stess Joseph Portelli hija kontradetta, BI KBIR, mill-istess Joseph Portelli li xehed f'dawn il-proceduri.

A fol. 72 tal-process Joseph Portelli bla tlaqliq ta' xejn fl-ewwel lok jikkonferma li huwa kien imqabbad mill-konvenut Paul Portelli sabiex jaghmel diversi xoghlijiet fir-razzett in kwistjoni. Fost dawn ix-xoghlijiet isemmi li kien hu li witta l-konkos fil-qiegh tal-gibjun (ghall-kuntrarju ta' dak li sostna l-konvenut li izda fi kliemu ma kienx ikun hemm), li mela l-bricks hu (ghall-kuntrarju ta' dak li sostna l-konvenut) u l-planki tpoggew minnu flimkien mal-attur li pprovda l-makkinarju sabiex dawn jingarru. A fol. 75 l-istess Joseph Portelli jsostni li ma saritx suletta taht il-planki ghaliex ma kienx hemm bzonn suletta. Ikompli billi fl-istess hin li jixhed li kien ikun hemm ukoll prezenti Stephen Portelli (it-tifel tal-konvenut) jerga' jinsisti li kulhadd kien tal-opinjoni li ma kienx hemm bzonn suletti stante d-daqs zghir tal-planki. Mistoqsi wkoll min kien l-imghallem fuq il-lant jirrispondi li kien hu (ara fol. 76). Illi Joseph Portelli kien jaghmel dan ix-xoghol gie konfermat minn ulied l-attur li jahdmu mieghu (fol. 22 et seq Josef Mifusd u fol. 31 et seq Sammy Mifsud).

Illi x-xufier li kien iwassal il-konkos fuq il-lant u cioe' certu Venanzio Vella (ara fol. 85) jikkonferma li kien hemm drabi li ra lil Joseph Portelli jferrex il-konkos ghalkemm mhux dak in-nhar li tpoggew il-planki.

Da parti tieghu fil-kontro-ezami tieghu Paul Portelli a fol. 112 et seq tal-process, taht gurament, ma jiddejjaq xejn jixhed b'kontradizzjoni assoluta ma' dak li xehed l-istess haddiem tieghu Joseph Portelli. Sahansitra jitfixkel u jikkontradixxi lilu nnifsu meta mistoqsi jekk kienx jara b'ghajnejh lill-attur jaghmel ix-xoghol fejn filli jghid li iva u filli jghid li ma kienx ikun hemm!

Illi l-Qorti rat ukoll ix-xhieda ta' ulied l-attur u cioe' Josef Mifsud u Sammy Mifsud li lkoll jikkonfermaw il-versjoni ta' missierhom li x-xoghol tas-suletta u tal-mili tal-bricks ma kienx inkarigu taghhom u li huma pprovdew biss il-makkinarju sabiex jitpoggew il-planki.

Illi l-Qorti vverifikat mill-kontijiet esebiti mill-attur a fol 16 et seq. u kkonfermat li ebda minnhom ma jaghmlu referenza ghal xoghol ta' mili ta' bricks, suletti u tqeghid ta' planki b'dana li fi kwalunkwe kaz ix-xoghol li qed jilmenta minnu l-konvenut mhux inkluz fil-kontijiet li taghhom qed ifittex il-hlas l-attur. In oltre ebda minn dawn il-kontijiet ma jirreferu ghall-materja prima (provduta mill-konvenut stess) kif jallega fit-tieni eccezzjoni tieghu.

Illi din il-Qorti wara li rat il-provi kollha mressqa quddiemha u wara li rat ix-xhieda personalment jixhdu fl-awla taghha u l-komportament taghhom fl-awla, tqis li l-versjoni veritiera hija dik tal-attur u mhux dik tal-konvenut li sahansitra gie kontradett mill-istess impjegat tieghu Joseph Portelli. Il-Qorti tqis li l-kaz odjern huwa kaz klassiku fejn il-konvenut qed jipprova jaqbad ma kull skuza sabiex ma jhallasx dak dovut bi dritt lill-attur inkluz li jigdeb dwar min suppost kien inkarigat jaghmel ix-xoghlijiet li llum qed jilmenta dwarhom. Dwar dan il-Qorti taghmel referenza ghal dak deciz minnha llum stess fl-atti tal-kawza 10/2013 fejn ordnat li d-decizjoni bejn l-istess partijiet tigi kkomunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex wara li jaghmel l-investigazzjoni tieghu fl-atti ta' din il-kawza kif ukoll tal-kawza 10/2013 jiehu passi fil-konfront tal-konvenut ghal spergur. Ma hemm l-ebda dubju illi kieku l-gideb tal-konvenut li x-xoghol mhux skont is-sengha u l-arti sar mill-attur u mhux minn Joseph Portelli twemmen minn din il-Qorti, tali xhieda kien ikollha effett drastiku fuq id-decizjoni tal-Qorti kontra l-attur. Ghall-istess ghan ghalhekk ser tordna li tigi komunikata wkoll din id-decizjoni lill-Kummissarju tal-Pulizjija.

Illi din il-Qorti tqis li mill-provi li tressqu gie sodisfacjentement pruvat lilha li x-xoghlijiet li minnhom qed jilmenta l-konvenut u li verament il-perit tekniku rrelata li ma sarux sew, ma kienx inkarigat minnhom l-attur izda kien inkarigat minnhom Joseph Portelli jew li zgur ha r-responsabbilta' taghhom hu, inkarigat jew le mill-konvenut:

*'Xhud:*

*L-imghallem... heq, heq, jien kont qieghed hemmhekk proprja biex l-affarijiet jigu sewwa, ghax jiena Paul Portelli kien jafda fija u kien jghidli hu hsieb int.'* (fol. 76)

Id-dokumenti esebiti a fol. 72 et seq tal-process 10/2013 isahhu aktar din il-versjoni tal-fatti stante li fil-predominanza tal-kazi kien dan Joseph Portelli li kien jiffirma ghall-konsenja tal-konkos u jekk mhux hu l-konvenut jew ibnu stess. Ma jirrizultax lanqas kaz wiehed li ffirma l-attur jew uliedu. Joseph Portelli tant ha rwol ta' l-imghallem li kien hu fil-maggor parti tal-kazi li ffirma ghall-konsenja tal-konkos fuq is-sit. Id-decizjoni li ma ssirx suletta hadha Joseph Portelli bla tlaqliq u d-decizjoni li jitpoggew il-planki minghajr tali suletta hadha hu wkoll:

*'Avukat Dottor Joseph Grech:*
*Fuq il-bricks ghamilt suletta?*
*Xhud:*
*Le, ma hemmx suletta.*
*Avukat Dottor Joseph Grech:*
*Ma hemmx suletta. U tghidilna ghalfejn ma ghamilthiex din is-suletta?*
*Xhud:*
*Ghax ifhimni dawn kienu planki ta' seba' (7) piedi, tmienja (8). Qama ta' bniedem. Ma kien hemmx ghalfejn.*
*Avukat Dottor Joseph Grech:*
*Ma kienx hemm ghalfejn. Dak kollox.'* (fol. 75)

Dan kollu jevidenzja lil din il-Qorti li l-attur ma kellux x'jaqsam xejn mal-fatt li finalment irrizulta li, ghall-kuntrarju ta' dak li ddecieda Joseph Portelli, kien hemm fil-fatt bzonn ta' suletta u li minghajrha ma kellhomx jitpoggew il-planki. L-attur certament ma ghandux ibaghti ghan-nuqqasijiet ta' terzi specjalment la darba hu evidentement mhux qed jitlob xi hlas ghax-xoghlijiet indikati mill-konvenut bhala li ma sarux tajjeb izda ghal xoghlijiet u servizzi ohra.

Illi ghalhekk in vista tas-suespost u b'referenza ghall-atti kollha l-Qorti tqis li filwaqt li t-talba tal-attur giet sodisfacentement pruvata lilha sal-grad rikjest mil-ligi, tqis li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut mhix gjustifikata stante li taghmel referenza ghal xoghlijiet li ma ghamilx l-attur izda terzi filwaqt li t-tieni eccezzjoni tal-konvenut mhijiex gjustifikata stante li l-attur ta rendikont tajjeb a fol. 16 et seq tal-hlasijiet pretizi minnu. Ghal dik li hija kontro-talba din ghandha tigi michuda

ghall-istess raguni li x-xoghlijiet li rrizulta li ma sarux skont is-sengha u l-arti ma sarux mill-attur izda saru minn terzi.

**Decizjoni**

Ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, tilqa' t-talba attrici u tordna lill-konvenut Paul Portelli ihallas lill-attur Carmel Mifsud is-somma ta' sebat elef, tlit mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€7,364.69) rapprezentanti bilanc ta' xoghlijiet ta' kostruzzjoni li saru mill-attur a beneficcju tal-konvenut bl-imghax legali mid-data tad-decizjoni stante li ma tressqet l-ebda prova tal-ittra ufficcjali allegatament spedita lill-konvenut f'Gunju, 2013.

2. Tilqa' l-eccezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat ghall-kontro-talba tal-konvenut u tichad il-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant.

Bl-ispejjez kollha tal-kawza u tal-kontro-talba kontra l-konvenut eskluzi izda tal-ittri msemmija fl-avviz stante li ma tressqet l-ebda prova taghhom.

Tordna komunika ta' din id-decizjoni lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jiehu konjizzjoni ta' dak li jinghad f'din id-decizjoni dwar spergur da parti tal-konvenut Paul Portelli u wara li jwettaq l-investigazzjonijiet neccessarji jipprocedi fil-konfront ta' Paul Portelli skont il-ligi.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur